Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,378, 21 ta' Jannar, 2025
Taqsima B

A.L. 19 tal-2025

ATT DWAR IL-KONSERVAZZJONI U L-AMMINISTRAZZJONI TAS-SAJD (KAP. 425)

Regolamenti tal-2025 dwar l-Organizzazzjonijiet Professjonali (Sajd u Akkwakultura)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 38 tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, il-Ministru responsabbli għas-sajd u l-akkwakultura għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 dwar l-Organizzazzjonijiet Professjonali (Sajd u Akkwakultura).

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jimplimenta r-rekwiżiti tal-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 dwar l-organizzazzjonijiet professjonali, ta' liema xorta jistgħu jkunu, iżda limitatament għal dawk kif imsemmija u provduti fl-Artikoli 6 sa 32 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 u f'dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 425.

"Att" tfisser l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd;

"forma ġuridika" tfisser id-diversi tipi ta' korpi li r-reġistrazzjoni u, jew ir-rikonoxximent tagħhom kif applikabbli fil-liġi Maltija jagħtihom personalità ġuridika separata u distinta u tippermettilhom li joperaw kummerċjalment;

"Regolament (UE) Nru 1379/2013" tfisser Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000, kif fis-seħħ minn żmien għal żmien"; u

Kap. 460.

"Unjoni Ewropea" u "UE" għandu jkollhom l-istess tifsira bħal "l-Unjoni Ewropea" fl-Att dwar l-Unjoni Ewropea;

(2) Ħlief kif provdut mod ieħor f'dawn ir-regolamenti, it-tifsir

applikabbli skont l-Att u t-tifsir applikabbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 għandhom japplikaw għal dawn ir-regolamenti, u f'każ ta' kunflitt għandhom jipprevalu t-tifsiriet applikabbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013.

Awtorità nazzjonali kompetenti.

3. (1) Id-Direttur għandu jkun l-awtorità nazzjonali kompetenti f'Malta sabiex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 msemmija fir-regolament 1(2).

(2) Id-Direttur b'żieda mas-setgħat mogħtija lilu skont l-Att, għandu jkollu wkoll is-setgħat meħtieġa sabiex iwettaq l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 imsemmija fir-Regolament 1(2).

Rikonoxximent tal-Organizzazzjonijiet Professjonali f'Malta.

4. (1) Id-Direttur għandu jżomm reġistru tal-organizzazzjonijiet professjonali kif minnu rikonoxxuti f'Malta skont ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013.

(2) Id-Direttur għandu jirrikonoxxi biss l-organizzazzjonijiet professjonali li joperaw fir-rigward tal-għanijiet, il-prinċipji u l-miżuri kif stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1379/2013, u jista' jwettaq verifiki u jirtira r-rikonoxximent jekk kwalunkwe organizzazzjoni professjonali ma tirrispettax tali għanijiet, prinċipji u miżuri msemmija, u partikolarment jekk japplika l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013:

Iżda l-membri kollha ta' organizzazzjoni professjonali rikonoxxuta skont dawn ir-regolamenti għandhom f'kull żmien ikunu liċenzjati jew xort'oħra awtorizzati sabiex joperaw fis-setturi tas-sajd u, jew l-akkwakultura skont l-Att.

(3) Bla ħsara għal obbligi u rekwiżiti oħra meħtieġa għar-rikonoxximent, organizzazzjoni professjonali għandha tiġi reġistrata skont forma ġuridika applikabbli skont il-liġi Maltija:

Iżda bla ħsara għal dak imsemmi preċedentement, il-forom legali meħtieġa għar-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet professjonali għandhom jkunu tali mod li jipprovdulhom personalità ġuridika separata u distinta minn dik tal-membri tagħhom u l-forma ġuridika adottata għandha tippermetti lill-organizzazzjoni professjonali li topera kummerċjalment:

Iżda wkoll l-organizzazzjonijiet professjonali għandhom f'kull żmien jikkonformaw mal-obbligi applikabbli kollha meħtieġa għall-forma ġuridika magħżula, u dan b'żieda ma' dawk meħtieġa b'dawn ir-regolamenti, u n-nuqqas ta' konformità jista' jwassal għas-sospensjoni tar-rikonoxximent mid-Direttur.

Pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazz-joni.

5. (1) Id-Direttur għandu japplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 dwar il-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni.

(2) Id-Direttur għandu jiżgura li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jikkonformaw f'kull żmien mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013, u fin-nuqqas hu jista' jirtira r-rikonoxximent mogħti skont ir-regolament 4.

Poteri għall-infurzar.

6. Għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, id-Direttur u l-uffiċjali għat-tħaris tas-sajd jistgħu, *mutatis mutandis*, japplikaw is-setgħat kollha mogħtija lilhom skont l-artikoli 19 sa 22 tal-Att:

Iżda skont dan ir-regolament dawk is-setgħat ma jeħtiġux is-suspett ta' reat sabiex japplikaw u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw biss għall-kontroll u l-verifika fir-rigward tar-rikonoxximent mogħti jew li jista' jingħata lill-organizzazzjonijiet professjonali:

Iżda wkoll is-setgħat kollha eżerċitati skont dan ir-regolament, għandhom jaffettwaw biss ir-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet professjonali.

Aċċess għad-data.

7. Id-Direttur għandu jiżgura li l-Kummissjoni Ewropea tingħata d-debitu aċċess għal informazzjoni dwar it-talbiet tagħha fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-poteri tagħha skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013, u għal dak il-għan għandu jiżgura li jekk ikun meħtieġ tiġi assistita bl-użu tas-setgħat imsemmija fir-regolament 6.

Estensjoni tar-regoli.

8. Id-Direttur jista', b'avviż fil-Gazzetta, jestendi l-applikabbiltà tar-regoli kif provdut fl-Artikoli 22 u 23 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013, wara li tinkiseb l-awtorizzazzjoni meħtieġa mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013:

Iżda d-Direttur għandu jwaqqaf minnufih kwalunkwe tali estensjoni meta Malta tiġi informata mill-Kummissjoni Ewropea b'iritirar tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013.

Prezzijiet skattaturi tal-mekkaniżmu tal-ħżin.

9. Id-Direttur għandu jiffissa l-prezzijiet skattaturi permezz ta' avviż fil-Gazzetta skont l-Artikoli 30 u 31 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013.